MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2014

Talba Numru. 36/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**Giordmaina Manuel**
**ID No-840244(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,588.69c) in konnessjoni ma' Laptop Connect (AC51000538) u li jinkludi HP Compaq 610 u internet key Bandluxe C270, u dan skont kuntratt tas-7 ta' Dicembru, 2009.

Illi s-somma ta' elf, hames mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,588.69c) fuq indikata tinkludi s-somma ta' elf tlett mija u tlett ewro u hdax-il centezmu (€1,303.11c) dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratt.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 4810/10, u bl-imghax mit-22 ta' Dicembru, 2010, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti pprezentati mal-Avviz tat-Talba u li gew immarkati minn Dok.A sa Dok.C.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' elf, hames mija u tmienja u tmenin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,588.69c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------